**113. Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, jipproponi illi l-Kamra tad-Deputati tapprova din ir-riżoluzzjoni:**

Billi huwa l-għan tal-Gvern li jkompli jkabbar l-ekonomija ta' pajjiżna u l-ħolqien ta' aktar opportunitajiet ta' xogħol ta' kwalità;

Billi dan il-Gvern irid ikompli jagħmel lil pajjiżna ċentru ta' attività marittima;

Billi dan il-Gvern irid ikompli jaħdem mas-settur privat u jixpruna aktar investiment lejn pajjiżna;

Billi kontributur ewlieni għall-ekonomija ta' pajjiżna hu l-Port Ħieles u l-attività kollha ġġenerata minnu;

Billi l-Port Ħieles ta' Malta huwa l-port ewlieni għall-ġarr u ħatt tal-kontejners u jakkonta għal aktar minn 67% tal-merkanzija li tgħaddi minn pajjiżna;

Billi bħala gżira, l-attività tal-Port Ħieles hi mhix biss ta' benefiċċju għall-ekonomija imma hija wkoll vitali għas-sigurtà tal-provvista ta' dak kollu essenzjali, partikolarment l-ikel u l-materja prima, hekk kif hu stmat li 85% tal-importazzjoni kollha ta' pajjiżna tgħaddi minn dan il-port;

Billi sa mill-privatizzazzjoni tal-Port Ħieles fl-2004, il-Kumpanija Malta Freeport Terminals kompliet tinvesti bis-sħiħ tant li għamlet lil Malta ċentru ewlieni ta' trasbord marittimu fil-Mediterran, b'konnessjonijiet essenzjali għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti essenzjali minn u lejn Malta b'aktar minn 110 port madwar id-dinja;

Billi din il-kumpanija qed tbassar tkabbir organiku ta' aktar minn 3.5%, iżda fl-istess waqt ninsabu konxji li l-kompetizzjoni minn portijiet oħra fil-Mediterran qed issir dejjem aktar ħarxa, u allura l-bżonn li nkomplu ninvestu fl-infrastruttura sabiex nassiguraw li Malta tibqa' fiċ-ċentru ta' din l-attività, u li fin-nuqqas ta' dan, nipperikolaw l-istatus tagħna bħala wieħed miċ-ċentri ewlenija tat-trasbord fil-Mediterran, b'riskju li wħud mil-linji tal-vapuri maġġuri ma jibqgħux jieqfu f'pajjiżna;

Billi l-Port Ħieles qed jaffaċċja sfidi ta' spazju, u studji juru li b'din ir-rata ta' tkabbir, sa jkun laħaq il-kapaċità massima tiegħu sas-sena d-dieħla 2024;

Fid-dawl ukoll tad-tendenza li l-vapuri futuri ser ikunu itwal minn 400 metru bħala dimensjoni bi draft li taqbeż is-16-il metru, tikber il-ħtieġa ta' infrastruttura adegwata biex tilqa' għal dan kollu;

Illi allura, l-Malta Freeport Terminals kienet avviċinat lill-Gvern bil-ħsieb tagħha li jitkabbar Terminal 2 billi jiġi squared off permezz ta' land reclamation b'espansjoni ta' 176 metru fil-moll tat-tramuntana u 195 metru fil-moll tal-punent, bi spazju ġdid ta' aktar minn 30,000 metru kwadru, sabiex jippermetti li jibda jilqa' bastimenti ta' 24,000TEU jew aktar, liema proġett hu kopert b'permess tal-Awtorità tal-Ippjanar PA 2217/09, imġedded fl-2018 (PA 9495/17);

Billi dan il-proġett jinvolvi spiża sinifikanti ta' aktar minn Eur 103.8 miljun, li Eur 55 miljun minnhom jirrelataw ma' xogħlijiet infrastrutturali, bil-bqija tat-Eur 48 miljun marbuta ma' xiri ta' apparat ġdid u infrastruttura relatata;

U billi ġie aċċertat li dan il-proġett ma jistax ikun kummerċjalment vijabbli li jsir mill-Malta Freeport Terminals waħedha u li allura jirrikjedi fondi pubbliċi għal madwar nofs l-ispiża relatata mal-parti infrastrutturali;

U billi ġie aċċertat li din l-għajnuna hi konformi mar-regolamenti applikabbli tal-Unjoni Ewropea rigward State Aid;

U billi b'dan il-proġett il-Gvern għaraf ukoll opportunità li permezz tagħha, attività fil-Port Ħieles li setgħet kienet ta' disturbanza akbar għar-residenti tal-madwar, titbiegħed aktar 'il barra, sabiex jonqos l-inkonvenjent għar-residenti;

Allura l-Gvern qabel li jiffinanzja parzjalment dan il-proġett b'għajnuna ta' Eur 28 miljun, liema somma hi l-ekwivalenti għall-funding gap stmata għal dan il-proġett, u dan isir billi l-Malta Freeport Corporation, li hi s-sid tal-art, tnaqqas l-ekwivalenti somma mill-kirja li l-Malta Freeport Terminals tħallas lilha, fuq medda ta' seba' snin, u li però dan isir biss taħt numru ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu osservati, fosthom li l-kumpanija trid:

1. Tirrinunzja għad-dritt li tinstalla Quay Cranes fl-aktar parti viċin ir-residenti fuq Terminal 1. Dan ifisser li b'hekk tingħalaq darba għal dejjem il-possibilità li ssir attività fuq it-Terminal l-aktar viċin għar-residenti ta' Birżebbuġa, filwaqt li 1-massa tal-attività tiġi ttrasferita fuq il-parti l-ġdida li hi sew aktar imbiegħda mir-residenti;

2. Li kwalunkwe attività ta' Roll-on Roll-off ma ssirx fil-ħinijiet ta' tard billejl jew fis-sigħat bikrin ta' filgħodu;

3. Li tikkontribwixxi s-somma ta' Eur 300,000 bħala Corporate Social Responsibility li jintużaw għat skopijiet soċjali fil-lokalità ta' Birżebbuġa;

Miżjuda fil-laqgħa 4 tal-15 ta' Frar 2023 tal-Kumitat dwar il-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika

Għalhekk, peress illi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta jista' jittrasferixxi jew jagħti artijiet bi kwalunkwe titolu jkun li jkun ai termini tal-artikolu 31(ċ) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment.

Huwa b'dan riżolut illi

1. L-art li ser tiġi reclaimed (immarkata XX) liema art tifforma parti minn port, u għalhekk mhux meħtieġ li tiġi deklassifikata skont ir-raba' skeda tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u li ladarba tiġi reclaimed tikkwalifika bħala 'Port Ħieles' ai termini tal-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta (Kap. 334 tal-Liġijiet ta' Malta) u ssir proprjetà assoluta tal-Gvern ta' Malta, tgħaddi b'titolu ta' proprjetà assoluta lill-Malta Freeport Corporation Limited (C-9353), bħala '1-Awtorità' hekk kif imfissra ai termini tal-istess Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta, sabiex l-imsemmija Malta Freeport Corporation Limited tamministra din 1-art esklussivament skont is-setgħat mogħtija lilha permezz tal-artikolu 6 tal-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta, u partikularment sabiex din tingħata b'titolu ta' kera lill-operatur tal-Port Ħieles, li llum huwa Malta Freeport Terminals Limited (C-27581), u dan skont il-pattijiet u 1-kundizzjonijiet imsemmija fl-abbozz ta' kuntratt hawn anness u mmarkat 'Dok A', li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

22.02.23